# Triq Aniċi

**Kitba u riċerka ta' Vince Peresso**

Is-snin ħamsin tas-seklu għoxrin kienu kkaratterizzati f'Ħal Qormi b'avvenimenti sħan li għall-ewwel ikkonċentraw fuq il-limiti tal-parroċċi ta' San Sebastjan u ta' San Ġorġ u immedjatament wara fi kwistjoni interna fil-Parroċċa San Sebastjan, li hi magħrufa bħala *"il-Kwistjoni tal-Patrijiet"*. L-atmosfera kienet diġà sħuna wara deċiżjoni tal-Qrati Maltin li ordnat li l-armar li kien sar għall-festa ta' San Ġorġ mir-residenti tat-toroq li issa ġew fil-limiti tal-parroċċa San Sebastjan għandu jingħata lill-Parroċċa ta' San Ġorġ. L-istorja ta' Triq Aniċi rridu neħduha wkoll fl-isfond ta' dan iż-żmien.

**Proġett toroq ġodda**

*Is-snin ħamsin tas-seklu għoxrin kienu kkaratterizzati f'Ħal Qormi b'avvenimenti sħan*

Fl-1951 tħabbar mill-Gvern proġett ta' toroq ġodda ġewwa Ħal Qormi, prinċipalment fosthom triq li kellha tgħaqqad Triq il-Vitorja ma' Triq il-Kbira u ma Triq Santa Katerina. Din it-triq mill-ewwel bdiet tissejjaħ bħala Triq Aniċi. Il-pjan oriġinali – imfassal fil-bidu tas-seklu għoxrin -- kien li ssir estensjoni ta' Triq l-Isqof Scicluna, minn fejn l-iskola tal-Gvern u tisbokka dritta għal Triq San Benedittu u minn hemm għal Triq San Bartilmew. Imma fl-1951 tfasslu wkoll tliet toroq oħra biex jgħaqqdu din it-triq sew ma' Triq il-Kbira, kif ukoll ma' Triq il-Vitorja u ma' Triq San Rafel. Dan il-proġett ta' toroq ġodda kien imbuttat ħafna mill-Ministru tal-Kummerċ, Dr Ġużè Maria Camilleri. Infatti kien dan il-Ministru Camilleri, flimkien mal-Prim Ministru, Dr Ġorġ Borg Olivier, li kien ukoll Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi, li nawgura dan il-proġett ta' żvilupp arterjali sabiex *"jagħti nifs ġdid lil* Ħal Qormi u jippermetti b'hekk żvilupp urban ġdid fil-qalba ta' Ħal Qormi". Madankollu wieħed irid jgħid ukoll li dan il-proġett tfassal b'mod partikolari sabiex jiffaċilita r-rotot tal-purċissjonijiet fil-Parroċċa ta' San Ġorġ.

Sewwasew l-inawgurazzjoni saret f'żewġ fażijiet. L-ewwel infetħet il-parti ta' isfel ma' Triq il-Kbira nhar it-23 ta' April fl-1951, u sena eżatt wara nfetħet it-tieni parti tat-triq fl-inħawi ta' Triq il-Vitorja. Il-parti ta' Triq l-Isqof Scicluna mill-iskola sa' Triq Santa Katerina saret mill-ewwel fis-snin ħamsin imma il-parti l-oħra li tgħaqqad Triq Santa Katerina ma' Triq Aniċi damet is-snin sakemm saret. It-triq li tfasslet biex tgħaqqad Triq Aniċi ma' Triq San Rafel baqgħet qatt ma saret. Din it-triq mill-ewwel bdiet tissejjaħ bl-isem ta' Triq Aniċi. Dan hu każ uniku għax normalment it-triq l-ewwel titlesta mbagħad tingħata isem, xi minn daqqiet anke wara numru ta' snin mit-tlestija tagħha. Madankollu tajjeb ninnutaw li fil-fatt Triq Aniċi qatt ma nħareġ l-avviż uffiċjali fil-gazzetta tal-Gvern li juri li triq ġdida



*Il-proposta originali ta' toroq ġodda tal-1952*




*Tibdil fil-pjanta oriġinali*
*A - turi kif inqalbet il-kurvatura ta' ħdejn Triq il-Kbira. Ara l-pjanti ta' djar li kienu diġà qed jinbnew*
*B - turi tibdil fis-salib it-toroq/pjazzetti minn maqrut għal rettanglu għall-kurvatura li hemm illum*
*C - Triq li tinfed għal Triq San Rafel li qatt ma saret*

ngħatat isem. Fir-reġistru elettorali tas-snin 1955 sal-1960 kienet tidher bħala "*New Street in High Street*" waqt li l-isem Triq Aniċi beda jidher mir-reġistru elettorali tal-1961.

Fil-ġurnal *Il-Berqa* hemm sensiela twila ta' tletin ittra miktuba mill-Qriema fejn ħafna lmentaw dwar id-dewmien biex titlestà u dwar tibdil fil-pjanta tat-triq li minn triq dritta spiċċat isserrep.

Anki fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Pinto kien hemm ċerti preokkupazzjonijiet minħabba l-implikazzjonijiet inter-parrokkjali li din it-triq setgħet toħloq, kif fil-fatt ġara. L-ewwel li qajjem dawn il-punti kien Ġelander Bonnici, *it-Tentiela,* bandist mal-Banda Pinto, u wieħed mis-sidien ġodda ta' biċċa art minn fejn tfasslet Triq Aniċi. Nhar l-10 ta' Novembru 1952, Ġelander Bonnici tela' quddiem il-kumitat u ta l-veduti tiegħu dwar din it-Triq Aniċi. Għalhekk il-kumitat ħatar lill-President, Salvu Chircop, u lil Frans Bonnici sabiex jitkellmu mal-Kappillan Psaila. Intbagħtet anke ittra lill-Prim Ministru, Dr Ġorġ Borg Olivier, li kien ukoll Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi u Rikostruzzjoni. Saru xi kuntatti ma' persuna prominenti, li qatt ma ssemma' min kien. L-argumenti li ressaq il-każin quddiem il-Gvern kienu bbażati fuq il-fatt li l-akbar preokkupazzjoni tar-residenti tal-Parroċċa San Sebastjan kienet it-tul tat-triq u li tfasslet imserrpa li minnha riedu jgħaddu t-tfal lejn l-iskola primarja. Is-Segretarju, Ġużi Xerri, fl-ittra tiegħu argumenta li la Triq Aniċi u lanqas it-triq il-ġdida bejn Triq San Rafel u dit-triq ma kienu se jindirizzaw dil-problema. Fit-tweġiba tiegħu, id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi ma qabilx mal-argumenti mressqa mill-Każin Pinto u baqa' għaddej bil-pjanijiet għal dawn it-toroq ġodda, li kellhom l-appoġġ sħiħ tal-Ministru Camilleri. Kien hawn li d-Dipartiment semma' li l-aħjar soluzzjoni għat-tfal tal-iskola kienet li tinbena skola ġdida fl-inħawi ta' San Bastjan, u ġiet identifikata art fejn il-knisja, għad li mill-ewwel ingħad li dan ma kienx proġett li jitfassal malajr.

**Tibdil fil-pjanti**

> *Dit-tfassila ma kinitx se taqdihom biex issolvilhom il-problema tar-rotta tal-purċissjonijiet*

Fil-fajl fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, illum miżmum fl-Arkivju Nazzjonali tar-Rabat, hemm diversi minuti, korrispondenzi u pjanti relatati ma' dal-proġett. Minn hawn nistgħu naraw li Triq Aniċi kienet proġettata fil-bidu tas-snin ħamsin bħala estensjoni ta' Triq l-Isqof Scicluna, sabiex b'mod dirett tingħaqad ma' Triq San Benedittu. Iżda mill-ewwel deher li b'hekk lill-parroċċa San Ġorġ dit-tfassila ma kinitx se taqdihom biex issolvilhom il-problema tar-rotta tal-purċissjonijiet. Ta' min jgħid hawn li mat-twaqqif tal-parroċċa San Sebastjan parti importanti mir-rotta tal-purċissjonijiet tal-parroċċa San Ġorġ, (tal-festa titulari, tal-Irxoxt u tal-Ġimgħa l-Kbira) b'mod partikolari fil-parti ta' Triq il-Vitorja u Triq San Bartilmew spiċċaw fil-limiti tal-parroċċa ta' San Sebastjan. B'hekk sabiex il-Parroċċa San Ġorġ iżżomm il-purċissjonijiet fil-limiti parrokkjali kellha, mela, li wara li l-purċissjoni titla' tul Triq Santa Katerina tidħol fi Triq Pinto ddur lejn il-Knisja tal-Vitorja, u, speċjalment fil-festa tal-Ġimgħa l-Kbira,

billi l-korteo kien twil mhux ħażin, kien ikollhom jieqfu u jistennew sakemm it-tmiem tal-purċissjoni tidħol Triq Pinto. Il-purċissjoni kienet tkompli nieżla Triq Santa Katerina qabel taqbad it-triq lejn il-Knisja. Fil-festa ta' San Ġorġ il-purċissjoni xorta kienet iddur lejn l-inħawi tal-Kunvent tal-Agostinjani qabel terġa' iddur lura minn Triq il-Kbira għall-knisja.

Kien għalhekk li fuq talba tal-parruċċani ta' San Ġorġ u bl-intervent dirett tal-Avukat Ġużè Maria Camilleri, Ministru tal-Kummerċ, li kien jitla' mid-distrett ta' Ħal Qormi, sar tibdil tal-pjanti. Inbidel il-ħsieb oriġinali, li bażikament kien estensjoni ta' Triq l-Isqof Scicluna mill-iskola tal-gvern sa Triq San Benedittu. B'hekk saru tliet tibdiliet importanti fil-pjanta. Qabelxejn saret fergħa ġdida biex tgħaqqad l-estensjoni ta' Triq l-Isqof Scicluna ma' Triq il-Kbira fejn kien hemm Sqaq Nru 5, fejn illum hemm iċ-Ċaċċu Social Club. Infetħet ukoll triq oħra biex tgħaqqad Triq l-Isqof Scicluna ma' Triq Il-Vitorja. Hawn qed nirreferi għat-triq li tibda minn fejn dari kien joqgħod Dun Ġorġ Fenech, li dak iż-żmien kienet magħrufa bħala t-triq tal-garaxxijiet. Bl-istess mod kien ipproġettat li jgħaqqdu l-estensjoni ta' Triq l-Isqof Scicluna, fit-tarf tagħha ma' Triq San Rafel.

Ix-xogħol beda fuq din it-tfassila. Is-sid tal-art, ċertu Feliċe Abela, ta ċ-ċens lill-aħwa Feliċ u Pawlu Mizzi, *tat-talkies*, fejn għamlilhom kundizzjoni li fiha ma setgħux jibnu teatru jew ċinema. Dawn qassmu l-art fi *plots* u tawhom b'ċens lil disa' persuni, li f'qasir żmien ġabu l-permessi meħtieġa u bdew il-bini tad-djar tagħhom. Qabelxejn iżda kienet twaqqgħet kerrejja li kien hemm f'dik il-parti u li l-imbukkaturi tal-ħnejjiet tagħha għadhom jidhru sal-lum fil-parti t'isfel ta' Triq Aniċi. Iżda lejn Novembru tal-1952 sar tibdil ieħor fil-pjan u l-allineament tat-triq. Bl-intervent dirett tal-Ministru G.M. Camilleri l-parti t'isfel minn kurvatura fuq ix-xellug saret kurvatura fuq il-lemin kif għadna narawha sal-lum. B'hekk ġara li kien hemm numru ta' sidien tal-artijiet ġodda li bit-tfassila ġdida tat-triq tilfu parti sew mill-proprjetà tagħhom. Kien hemm minnhom diġà li beda l-bini. Hekk ġralhom l-aħwa Andrea u Ninu Zammit, l-aħwa Bonello u George Agius, kif ukoll Ġelander Bonnici. Dan tal-aħħar tilef kważi l-art kollha tiegħu għax bit-tibdil li sar fil-pjanti t-Triq Aniċi ġiet tgħaddi sewwasew min-nofs l-art tiegħu. Kellhom jerġgħu jwaqqgħu dak li bnew għax parti sew mill-art tagħhom ġiet rekwiżizzjonata biex takkomoda l-pjanta ġdida. Naturalment inqalgħu problema ta' natura legali bejn id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u mas-sidien, sew mad-disa' sidien ġodda kif ukoll ma' Feliċe Abela, is-sid oriġinali. Anke tressqu rikorsi u protesti fil-Qorti. Wara diversi laqgħat u korrispondenzi bejn in-naħat kollha sar ftehim li permezz tiegħu s-sid oriġinali ngħata kumpens finanzjarju, tfasslu b'mod differenti l-artijiet lis-sidien il-ġodda u dawn ngħataw kumpens u għajnuniet oħra. Naturalment kien meħtieġ li jerġgħu jsiru kuntratti ġodda bejn is-sid Feliċe Abela u l-propjetarji li kienu xtraw l-art fil-parti t'isfel tat-triq. Dawn il-kuntratti, bħall-kuntratti oriġinali, saru għan-Nutar Ġużeppi Agius. B'hekk il-proġett tkompla.

L-għaxar persuni li ntlaqtu b'dan it-tibdil kienu Vitale Formosa, Gio Andrea Zammit, Ninu Zammit, Ġorġ Agius, Pawlu u Ġużeppi Bonello, Ġorġ Sciberras, Indri Abela u Mikiel Caruana.

Sabiex Triq Aniċi tkun tista' tingħaqad ma' Triq il-Vitorja kien meħtieġ li jitwaqqgħu

tlitt idjar u parti mill-forn tal-familja Pisani. Hawn ukoll inqalgħu ħafna punti li kienu marbuta dwar l-ammont tal-kumpens li għandhom jingħataw is-sidien tad-djar li kienu jġibu n-numri 203, 204 u 205 fi Triq il-Vitorja. Inqalgħet ukoll kwistjoni dwar il-wisa' ta' dil-parti tat-triq. Il-periti tal-Gvern kienu stabbilixxew il-wisgħa ta' tletin pied imma finalment it-triq saret ħamsa u għoxrin pied wisa'. F'dil-parti tat-triq, l-ikbar kwistjoni li nqalgħet kienet dwar il-forn tal-familja Pisani li kienu qed jitilfu parti sostanzjali minnaħa ta' wara tal-binja. Finalment dawn il-familji ngħataw kumpens finanzjarju għat-telf ta' darhom. F'din il-kantuniera ta' Triq Aniċi ma' Triq Vitorja wieħed għadu jista' jara sal-lum l-kileb li kienu f'waħda mid-djar li twaqqgħu.

**Problemi Inter-parrokkjali**

*Nies miż-żewġ parroċċi ppretendew li tkun fil-parroċċa rispettiva tagħhom*

Problema oħra li qalgħet Triq Aniċi kienet ta' natura parrokkjali. Il-wesgħa bejn it-toroq, Santa Katerina, Vitorja, San Rafel, il-Kbira u San Pietru, kienet kollha raba' u ġonna. Kien għalhekk li meta fl-1936 id-djoċesi fasslet il-limiti bejn il-parroċċa ta' San Ġorġ u l-parroċċa ġdida ta' San Bastjan, il-linja bejn iż-żewġ parroċċi nqatgħet bħala linja mhux dritta għalkollox minn tarf Triq San Rafel sal-isqaq tal-Abatija. Bit-tfassil tat-triq ġdida dil-linja ġiet sewwasew f'nofs dit-triq. Nies miż-żewġ parroċċi ppretendew li tkun fil-parroċċa rispettiva tagħhom.

Għall-ewwel l-Arċisqof Gonzi ta ħajt kull wieħed liż-żewġ parroċċi b'digriet maħruġ f'Marzu 1954. Tant hu hekk li xi partitarji Bastjaniżi marru biex jarmaw it-triq u nqalgħu xi inċidenti. Wara din id-deċiżjoni il-parroċċa ta' San Ġorġ f'Mejju tal-1954 ressqet rikors quddiem is-*Sacra Congregazione del Concilio* fil-Vatikan. Ir-rikors tressaq *tramite l'Arcivescovo Metropolita dell'Arcidiocesi di Malta* u tressaq mill-Arċipriet Dun Anton Vella flimkien mal-kleru kollu tal-Parroċċa San Ġorġ, kif ukoll l-avukat Dr Ġorġ Zammit u l-Perit Antonio Borg. Dawn tal-aħħar kienu qed jirrappreżentaw l-għaqdiet reliġjużi fil-parroċċa San Ġorġ kif ukoll lill-Kumitat Festi Esterni, lis-Soċjetà Filarmonika San Ġorġ, lill-Każin tal-Orkestra tal-Vitorja u lill-Qormi FC. Ir-rikors kien sottoskritt minn dawn is-saċerdoti tal-parroċċa San Ġorġ: Dun Ġużepp Borg Bonavia, Dun Ġużepp Azzopardi, Dun Ġużepp Cilia, Dun Vinċenz Borg, Dun Salv Cilia, Dun Ġorġ Scicluna, Dun Lawrenz Saliba, Dun Ġużepp Pace, Dun Ġużepp Zammit, Dun Pawl Attard u Dun Ġorġ Bonello. Dan ir-rikors, pjuttost twil, (li l-awtur għandu kopja tiegħu) jibda billi jagħti deskrizzjoni ddettaljata tas-sitwazzjoni li rriżultat f'Ħal Qormi mat-twaqqif tal-Parroċċa San Sebastjan. Huma talbu li jiġu definiti b'mod ċar il-konfini bejn iż-żewġ parroċċi b'tali mod li Triq Aniċi tingħata kollha lill-Parroċċa San Ġorġ, billi din saret sabiex il-purċissjonijiet ikunu jistgħu jsiru b'aktar kumdità hekk kif, mat-twaqqif tal-parroċċa San Sebastjan, parti sostanzjali mir-rotot qodma kienu spiċċaw fil-parroċċa San Sebastjan.

Rappreżentanti taż-żewġ parroċċi anki telgħu l-Vatikan sabiex ikunu jistgħu jressqu l-argumenti rispettivi tagħhom personalment. Il-Parroċċa San Ġorġ kienet rappreżentata

mill-Avukat Ġorġ Zammit waqt li l-parroċċa San Sebastjan kienet rappreżentata mill-Avukat Joseph Herrera (aktar tard Imħallef), dik il-ħabta Segretarju tas-Soċjetà Filarmonika Pinto, u minn ċertu Paolo Pace, Għawdxi li kien jgħix Ruma. Finalment l-awtoritajiet ekkleżjastiċi fil-Vatikan, daqs sena wara, qatgħuha li Triq Aniċi ssir kollha tal-parroċċa San Ġorġ u ttraċċaw b'mod aktar ċar il-konfini bejn iż-żewġ parroċċi f'dawk l-inħawi. Hawn qam ferment kbir li laħaq il-qofol tiegħu fil-marċi tal-festi fl-1954 u fl-1955, meta anke nqalgħu xi inċidenti pjuttost serji bejn il-partitarji taż-żewġ baned Qriema. L-ewwel purċissjoni li għaddiet minn Triq Aniċi kienet fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, naturalment bis-sehem tal-Banda San Ġorġ Martri.

Kienu dawn l-aħħar snin tal-parrokat ta' Dun Alwiġ Psaila fil-parroċċa San Sebastjan, li beda jaqla' ħafna kritika, mhux dejjem ġustifikata, dwar it-tmexxija tiegħu f'din il-kwistjoni.

**L-Ewwel Residenti**

Daqqa t'għajn lejn ir-reġistri elettorali ta' dawk is-snin nistgħu naraw min kienu l-ewwel residenti li marru joqogħdu fi Triq Aniċi, meta t-triq kienet tidher bħala *"New Street in High Street"*. Hekk l-ewwel żewġ familji li marru joqogħdu hemm kienu Agius Marcell flimkien ma' martu Tereża, u Formosa Vito flimkien ma' martu Dolores, kif jidhru fir-reġistru tal-1954. Fis-sena ta' wara beda jidher Mallia Joseph ma' martu Angela u fl-1956 magħhom żdiedu Ġorġ u Helen Agius, Ġużeppi u Ġużeppa Briffa, Leli u Rose Chetcuti, Ġorġ u Mikelina Xiberras, Ġanni u Marija Xicluna, Ninu u Lorenza Zammit, u Indri u Ġużeppa Zammit. Imbagħad fis-snin ta' wara, hekk kif bdew jinbnew iktar djar, ir-reġistru elettorali ta' din it-triq beda dejjem jikber u jitwal.




***Bini li kellu jitwaqqa' biex Triq Anici tinfed ma' Triq il-Vitorja***



*L-imbukkaturi tal-ħnejjiet tagħha għadhom jidhru sal-lum fil-parti t'isfel ta' Triq Aniċi*



*F'din il-kantuniera ta' Triq Aniċi ma' Triq Vitorja wieħed għadu jista' jara sal-lum il-kileb li kienu f'waħda mid-djar li twaqqgħu.*




*L-isem tat-Triq*

**Kelma tal-aħħar**

Hekk għidt fil-qosor (għax hemm ħafna iżjed x'jista' jingħad) ġrajjet Triq Aniċi, li, minkejja l-firda u l-qasma li ġabet, illum nistgħu ngħidu li tgħaqqad liż-żewġ inħawi ta' Ħal Qormi - ta' San Ġorġ ma' ta' San Bastjan, u viċi versa. Dan hu wkoll rifless fi Triq l-Għaqda li saret snin wara meta wieħed mis-sqaqien ta' Triq San Rafel tniffed biex jingħqad ma' Triq Anici.

Tajjeb ninnutaw li l-pjanti ma' dan l-artiklu qed jidhru l-ewwel darba u kollha jinsabu fl-Arkivju Nazzjonali PW/954/49

Ħajr ukoll lis-Sur Indri Zammit li verbalment għaddieli xi tagħrif dwar it-tfassil ta' Triq Anici.

**Referenzi Ġenerali**

Arkivju Nazzjonali PW 954/49/1;
*Il-Berqa:* bejn Awissu 1952 u Settembru 1953;
Minuti tas-Soċjetà Filarmonika Pinto 1952-1953;
Reġistru Elettorali snin 1955 sa 1961;
Registru tan-Nutar tal-Gvern A.Attard Nru. 483 data 12 Nov 1955;
Registru tan-Nutar Joseph Agius Nru. 1168 vol.9 data 14 Diċembru 1951 u vol 12 diversi kuntratti matul l-1953;
BUGEJA Joseph: *Nagħmlu Festa* (2019) paġni 92-95;
BUGEJA Dun Ġwann u Grima Joseph: *Minn Ġrajjet il-Parroċċa San Sebastjan, Ħal Qormi;* (2007) paġni 46-48.